

# News Releases



# L-Istatistika Strutturali tan-Negozju: 2021

NR127/2023 Data tal-Ħruġ: 19 ta' Lulju 2023 Data tal-Għeluq: 9 ta' Ġunju 2023

*L-intrapriżi mikro, żgħar u medji (SMEs) kienu l-aktar dominanti fil-qasam tal-Kostruzzjoni, tant li kellhom 91.1 fil-mija tal-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati f'dan il-qasam. Huma kienu l-inqas dominanti fis-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, fis-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u fl-Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri b'46.5 fil-mija.*

**Il-klassifikazzjoni tal-SMEs użata f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet hija organizzata skont l-għadd ta' ħaddiema u l-limiti massimi finanzjarji 'tal-Fatturat' rikonoxxuti f'artiklu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/EC.**

**L-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja msemmija f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet tinkludi industriji koperti fit-Taqsimiet tan-NACE minn B sa N u minn P sa S (mbarra K u S94) skont ir-Regolament 2019/2152 dwar l-Istatistika Ewropea tan-Negozju (EBS). Din l-istqarrija tal-aħbarijiet mhijiex komparabbli mal-istqarrija NR116/2022.**



Fl-2021, l-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja f'Malta li tinkorpora fiha l-Industrija (Taqsimiet tan-NACE minn B sa E), il-Kostruzzjoni (Taqsima F tan-NACE), il-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut (Taqsima G tan-NACE), l-attivitajiet ta' Servizzi ta' Mobbiltà, Loġistika u Ospitalità (Taqsimiet tan-NACE H, I u L), is-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u l-Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri (Taqsimiet tan-NACE J, M, N u R92) u l-Attivitajiet ta' Servizzi tal-Benesseri tal-Komunità (Taqsimiet tan-NACE minn P sa S, minbarra R92 u S94) iġġenerat €5,845.1 miljun fi qligħ operattiv gross (jew profitti[1]) u ħallset €4,264.1 miljun fi ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati. L-SMEs irreġistraw żjieda ta' 13.9 fil-mija fi qligħ operattiv gross u żjieda ta' 8.6 fil-mija fl-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati, meta mqabblin mal-2020. Meta wieħed iqabbel l-SMEs, l-akbar żjieda fil-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati kienet osservata f'intrapriżi ta' daqs żgħir (Tabella nru 2).

Il-qasam tas-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u l-Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri kellu l-akbar tkabbir fil-fatturat nett, fil-valur tal-output u fil-qligħ operattiv gross b'żjidiet ta' €2,175.3, €2,374.8 u €372,6 miljun, rispettivament. Dan il-qasam għadda mill-akbar tkabbir biż-żjieda ta' 1,708 unitajiet ġodda u 3,401 ħaddiem ġdid. Dan wassal għal żjieda ta' €155.8 miljun fl-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati. L-investimenti grossi f'assi mhux kurrenti tanġibbli naqsu fl-oqsma kollha ħlief għall-qasam tal-Kostruzzjoni, li żdied bi €12.9-il miljun jew 39.1 fil-mija fuq l-2020 (Tabella nru 3).

[1] Għat-tifsira ta' profitti, irreferi għal nota nru 8 tal-Metodoloġija.

## Ċart nru 1. Il-varjabbli ewlenin bil-klassifikazzjoni tad-daqsijiet

2021




**Il-prestazzjoni tal-intrapriżi l-kbar**

Fl-2021, l-intrapriżi l-kbar żdiedu b'sebgħa meta mqabblin mal-2020, filwaqt li l-għadd ta' ħaddiema naqas b'1.6 fil-mija u l-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati żdiedet b'7.2 fil-mija. L-investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli għall-istess kategorija naqas b'27.5 fil-mija, minn €236.8 miljun għal €171.7 miljun (Tabella nru 2).

**Indikaturi ewlenin fl-oqsma tal-attività**

Matul l-2021, fost l-erba' livelli ta' klassifikazzjoni tal-klassi tad-daqs, l-akbar għadd ta' intrapriżi attivi kienu l-mikrointrapriżi fis-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u l-Attivitajiet tal-logħob tal-Azzard u tal-Imħatri; segwiti mill-Attivitajiet ta' Servizzi ta' Mobbiltà, Loġistika u Ospitalità u l-oqsma tal-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, rispettivament. Il-fatturat nett kien ġej l-aktar minn intrapriżi kbar fil-qasam tas-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ tan-Negozju u l-Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri, li wasslu wkoll għall-akbar ammonti ta' valur tal-output u qligħ operattiv gross iġġenerat. L-intrapriżi l-kbar fil-qasam tal-Industrija rreġistraw l-akbar ammont ta' Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli li laħaq il-€85.4 miljun. B'20,714-il ħaddiem, intrapriżi kbar fis-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u l-Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri, kellhom l-akbar numru ta' persuni mħaddmin; segwiti minn mikrointrapriżi fl-istess qasam u mikrointrapriżi fil-qasam tal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut bi 17,758 u bi 17,251 ħaddiem, rispettivament. Dan il-qasam ħallas €1,860.7 miljun fl-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati, jew 43.6 fil-mija tat-total (Tabella nru 4, Ċart nru 1). Il-Kostruzzjoni u l-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri kellhom l-akbar sehem fil-qligħ operattiv gross mill-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. It-taqsim tal-qligħ operattiv gross u l-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja, bil-qasam tal-attività

2021




L-SMEs iġġeneraw l-akbar ammont ta' qligħ operattiv gross fl-oqsma kollha ħlief għall-Industrija u s-Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u l-oqsma tal-Attivitajiet tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri, fejn l-intrapriżi l-kbar ikkontribwew għall-akbar sehem. L-SMEs kienu dominanti l-aktar fil-qasam tal-Kostruzzjoni, bis-sehem tagħhom jilħaq il-91.1 fil-mija tal-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati f'dan il-qasam. Huma kienu l-inqas dominanti fil-qasam Soluzzjonijiet Teknoloġiċi, is-Servizzi Professjonali u ta' Appoġġ għan-Negozju u l-Attivitajiet tal-Logħob tal-Logħob tal-Azzard u tal-Imħatri b'46.5 fil-mija (Tabella nru 4, Ċart nru 3). Is-sehem tal-qligħ operattiv gross mill-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati kien ogħla għall-intrapriżi kbar u mikro, filwaqt li s-sehem tal-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati kien akbar f'intrapriżi medji u żgħar (Ċart nru 4).

## Ċart nru 3. It-taqsim tal-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati, bil-qasam u l-klassifikazzjoni tad-daqsijiet

2021




## Ċart nru 4. It-taqsim tal-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja, bil-klassifikazzjoni tad-daqsijiet

2021




Fl-2021, il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata ġġeneraw 84.9 fil-mija tal-qligħ operattiv gross u 86.0 fil-mija tal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati għal attivitajiet li jiffurmaw parti mill-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja (Tabella nru 5).

**Il-varjabbli ewlenin bil-lokalità**

Fl-2021, l-intrapriżi b'indirizz irreġistrat f'Birkirkara, San Ġiljan u Tas-Sliema ġġeneraw l-akbar ammonti aggregati ta' introjtu (il-qligħ operattiv gross mgħaqqad mal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati) fl-ekonomija mhux finanzjarja Maltija (Mappa nru 1). L-akbar tkabbir fid-dħul kien irreġistrat minn intrapriżi rreġistrati f'Tal-Pietà, Birkirkara u Tas-Sliema (Mappa nru 2). L-investimenti grossi f'assi mhux kurrenti tanġibbli kienu l-ogħla f'Birkirkara, Il-Marsa u Birżebbuġa (Mappa nru 3).

**Industriji relatati mat-Turiżmu**

Fl-2021, kienet osservata żjieda ġenerali fil-varjabbli ewlenin tal-industriji relatati mat-turiżmu, li tissuġġerixxi rkupru parzjali wara l-pandemija tal-COVID-19. Il-fatturat, il-qligħ operattiv gross u l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati żdiedu b'€927.5 miljun, b'€225.5 miljun u bi €12.3-il miljun, rispettivament (Tabella nru 6).